MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru 1340/2012

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Joseph Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita' 113667M, akkuzat talli:

1. fl-10 ta' April 2005 gewwa l-Furjana biswit il-Lukanda bl-isem ta' Phoenicia kkommetta serq ta' bagalji tas-safar kontenenti diversi affarijiet minn go vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni EAK404, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€2329.4 (Lm1,000) u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Michael Tobias Stix, Benjamin Loudon mill-Awstralja u Gulia Baccarin mill-Italja;

2. sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(Artikoli 49, 50 u 261 et sequitur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizjonata ssibu hati.

Rat l-Artikolu 261(c)(g), 271(g), 279(b), 280(1), 49 u 50 tal-Kap 9. Tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------